21 ta' Mejju, 1955

Imħallef:

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt. LL.D.

Carmela Sammut *versus* Avukat Dr. Giuseppe Sacco ne.

**Legat — Immissjoni fil-Pussess — Spejjeż — Prelegat — Eżekutur Testamentarju — Art. 770 tal-Kodiċi Ċivili**

*Għalkemm il-proprjetà ta' legat tgħaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; u għalhekk teħtieġ it-talba tal-legatarju għall-pussess tal-legat.*

*Huwa veru li l-legatarju, fil-konkors ta' ċerti ċirkustanzi, jista' jkollu l-pussess leġittimu tal-legat avvolja ma kienx hemm domanda formali, kif hu veru li biżżejjed ikun hemm l-assens ta' l-eredi, li jista' jkun anki taċitu; però dan ifisser biss li, jekk jiġi kontestat lill-legatarju l-pussess tiegħu, il-legatarju hu ammess jipprova li l-pussess tiegħu hu leġittimu non ostante li ma jkunx għamel id-domanda formali għar-rilaxx tal-pussess, basta jipprova l-kunsens, sija pure taċitu, ta' l-eredi; imma ma jista' qatt ifisser li hi ħaġa prudenti jew konsiljabbli li l-legatarju ma jitlobx formalment dak il-pussess. Anki biex jirrivendika, jekk jinqala' l-bżonn, l-oġġett tal-legat minn xi terz detentur, id-dottrina prevalenti hi fis-sens li l-legatarju għandu bżonn li jkun investit bil-pussess qabel ma jeżerċita dik l-azzjoni.*

*L-ispejjeż tal-pagament tal-legat huma a kariku ta' l-eredità. Jekk il-legat ikun imħolli bħala oneri jew piż a kariku ta' prelegat imħolli lil persuna oħra, jista' forsi jkollu xi konsistenza, salvi konsiderazzjonijiet oħra, l-assunt illi l-ispejjeż tal-prestazzjoni ta'*

*dak il-legat jaqgħu fuq il-prelegatarju gravat bil-ħlas ta' dak il-legat; imma jekk anki dak il-legat ikun imħolli bħala prelegat, ir-regola illi l-ispejjeż tal-prestazzjoni jaggravaw is-suċċessjoni tapplika immedjatament. Oneri jew mhux oneri, dak hu prelegat; u jekk hu prelegat, tapplika dik ir-regola.*

*Wieħed mid-doveri ta' l-eżekutur testamentarju hu dak li jagħti l-pussess tal-legat. Għalkemm hu veru illi l-legatarju għandu jitlob il-pussess tal-legat lill-eredi, però, meta hemm nominat eżekutur testamentarju biex jeżegwixxi l-volontà tat-testatur, hu intuwitiv li waħda mill-inkombenzi ta' l-eżekutur tkun dik li jagħti l-pussess tal-legat lill-legatarju. U għalhekk, domanda tal-legatarju għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-prestazzjoni tal-legat hija diretta sewwa kontra l-eżekutur testamentarju.*

Il-Qorti; — Rat l-istanza ta' l-attriċi b'avviż preżentat fil-Qorti Civili tal-Maġistrati ta' Malta, fejn talbet li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut, bħala eżekutur testamentarju u amministratur *ta' l-assi* ereditarju tal-mejjet *Carmelo Bajada*, għandu jħallas £9.19.2 dovuti lin-Nutar Giovanni Chapelle bħala onorarju tiegħu għall-kuntratt ta' l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat ta' immobili mħolli lill-attriċi u ħutha oħrajn, li sar fis-7 ta' April, 1954 — immissjoni li saret mill-konvenut stess nomine bħala rappreżentant ta' l-eredità; spejjeż li skond il-liġi għandhom jitħallsu mill-eredità stess, u li huwa qiegħed jirrifjuta li jħallas; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Jannar, 1955, li biha laqgħet it-talba ta' l-attriċi limitatament għas-somma ta' *£5.3.4*, u *rrespinġietha għall-bilanċ*, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenut nomine; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jidher mid-dokument "A" fol. 13, u mid-digriet mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Marzu, 1954 (fol. 7), il-kuntratt "de quo", għalkemm sar bħala kuntratt wieħed, kellu kontenut dupliċi, u għalhekk ġuridikament kien jikkonsisti minn żewġ kuntratti separati u distinti, li saru f'kontest wieħed, u ċjoè (1) immissjoni ta' l-attriċi fil-pussess tal-legat ta' stabili lilha mħolli. u (2) pagament mill-konvenut nomine *lill-ħut* u neputijiet *ta' l-attriċi ta' somma* ta' £1,857.2.10 li kienet tirrapprezenta sehem l-attriċi minn

somma ta' £13,000 li kien inkassa l-konvenut mingħand Antonio Bajada. Issa, il-fatt illi dawn iż-żewġ kuntratti saru f'kontest wieħed ma jneħħilhomx l-individwalità rispettiva tagħhom, u ġuridikament jibqgħu dejjem kuntratti distinti; tant li fuq kull wieħed minnhom jiġi anki kalkulat boll ta' l-att u dritt separat u distint daqs kemm kieku saru separatament;

Illi, kwantu għall-kuntratt, jew dik il-parti tal-kuntratt, li tirrigwarda l-immissjoni fil-pussess tal-legat, huwa solitu li simili kuntratti jsiru, u li jsiru a spejjeż ta' l-eredità gravata bil-pagament tal-legat. Jista' jiġi obbjettat illi l-art. 770 tal-Kodiċi Ċivili jpoġġi a kariku ta' l-eredità l-ispejjeż "neċessarji" għall-pagament tal-legat, u li l-immissjoni "in possesso" ma hemmx bżonn li ssir permezz ta' kuntratt, imma tista' ssir anki taċitament (App. ta' Torin 6.6.1890; App. Venezia 24 ta' Lulju, 1903; App. Palermo 2 ta' Marzu, 1903), molto più fil-każ ta' l-attriċi, li kienet anki eredi u kienet fil-pussess materjali tal-fond billi kienet tabita fih; għalhekk l-ispejjeż ta' dan il-kuntratt ma kienux "neċessarji" għall-prestazzjoni tal-legat. Iżda "sta di fatto" illi l-konvenut, awtorizzat mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, addivjena għal dan il-kuntratt u immetta lill-attriċi fil-pussess tal-legat. Huwa anki veru dak li ssottometta l-konvenut, illi l-legatarju għandu jitlob il-pussess lill-eredi, u mhux lill-eżekutur; iżda anki hawn hemm il-fatt illi huwa addivjena għal din l-immissjoni; u għalhekk dawn l-obbjezzjonijiet, jekk seta' kellhom valur biex huwa jikkontesta li jidher għall-kuntratt, u li talvolta jappella mid-digriet fuq imsemmi, una volta li huwa resaq għall-kuntratt, u li l-eżekutur huwa anki persuna leġittima biex iħallas il-legat, ma jiswewx lill-konvenut, li għandu anki jħallas l-ispejjeż relativi għal dan il-pagament;

Illi, kwantu għall-parti l-oħra tal-kuntratt, relativa għall-ħlas ta' £1,857.2.10;

L-attriċi kellha mpost bħala "onus" fuq il-legat tagħha li tħallas is-somma ta' £2,000 lil żewġ ħutha u neputijiet. Fil-fatt, il-konvenut, kif awtorizzat, ħallas direttament lil

dawn il-gratifikati s-somma ta' £1,857.2.10 li kienet tirrappreżenta sehem l-attriċi minn flus li l-konvenut kellu f'idejh, u l-attriċi ħallset imbagħad id-differenza bejn dan l-ammont u l-£2,000 li kellha tħallas. L-attriċi tissottometti illi dan l-"onus" jikkostitwixxi legat ukoll, u fil-fatt ġew mit-testatur imħollija anki bħala legat lill-gratifikati fl-artikoli 8 u 9 tat-testment tiegħu, u għalhekk l-ispejjeż relativi għandhom ikunu a kariku ta' l-eredità skond l-imsemmi art. 770;

Illi, meta l-art. 770 jiddisponi illi l-ispejjeż neċessarji għall-ħlas tal-legat huma a kariku ta' l-eredità, ma għamelx ħag'oħra ħlief irripeta l-prinċipju ġenerali f'materja ta' pagamenti, sanċit anki fl-art. 1206, illi l-ispejjeż tal-pagament huma a kariku tad-debitur. Jgħid il-Borsari (Commentario del Codice Civile Italiano, Vol. III, parte I, p. 680): "L'art. 877 (identiku għall-artikolu 770 fuq imsemmi) può dirsi l'applicazione del principio che ogni spesa che si attacca al pagamento del debito aggrava il debitore". U iżjed l-isfel, p. 681, ittra (f): "Il diretto intendimento dell'art. 877 egli è che il legatario debba avere il legato senza spesa, come senza spesa il creditore ha diritto di ricevere il pagamento". Similment il-Laurent (Principi, Vol. 14, n. 118): "Quando i successori tenuti, in virtù della legge o della volontà del testatore, a pagare i legati, hanno accettato la successione 'ab intestato' o testamentaria che li obbliga, contraggono con ciò la obbligazione di soddisfare i legati. In questo senso i legati divengono un debito ...... Segue da ciò che bisogna applicare al pagamento dei legati i principi che regolano il pagamento dei debiti";

Illi, għalhekk, ir-raġuni li l-liġi tiddetta dak il-prinċipju huwa appuntu illi ġeneralment hija l-eredità li tkun gravata bil-pagament tal-legati, li huwa għalhekk debitu ta' l-eredità. Insibu fil-Baudry Lacantinerie (Vol. XI, p. 268): "La legge pone le spese della domanda di rilascio a carico dell'eredità, giacchè questa è la debitrice del legato, e le spese del pagamento sono a carico del debitore. Tale almeno è la regola formulata dall'articolo 1248 del Codice Civile" (simili għall-art. 1206 tal-Kodiċi Tagħna). Dana jgħidu anki l-Arneri (Istituzioni di Diritto Civile, Vol. 4, p. 300, no.

158): "Ognuno *che accetta* la successione contrae l'obbligo di rilasciare i legati; le spese dunque per lo rilascio sono a di lui carico, poichè egli è l'inadempiente". U aktar kjarament il-Magliano (*Commentari* alle Leggi Civili, Vol. III, p. 703): "Ciò che questo articolo prescrive intorno alle spese della domanda del legato particolare potrebbe dirsi essere una conseguenza *dell'obbligo di prestare* il legato, che l'erede ha contratto coll'accettare la successione":

Illi, però, meta gravat bil-pagament tal-legat ma jkunx l-eredi, *imma legatarju iehor*, u għalhekk *debitur* tal-legat, jew aħjar tas-sublegat, ikun dak il-legatarju, allura l-ispejjeż tal-pagament in ġenerali ikunu a kariku ta' dak il-legatarju, u *mhux ta' l-eredità, li ma tkunx debitriċi ta'* dak is-sublegat. Il-fatt li l-art. 770 isemmi in termini ġenerali l-eredità ma hux kuntrarju għal dina l-konklużjoni; u dan jidher aġevolment mir-*ravviċinament* ta' l-art. 770 *ma'* l-art. 763. Dan l-aħħar jiddisponi ġeneralment illi l-legatarju għandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-ħaġa legata, u daua għaliex ġeneralment, kif ġa ntqal, huma l-eredi jew l-eredità li jkunu gravati, u għalhekk ikollhom iħallsu l-legat;

Iżda, non ostanti din ir-regola generali, li a prima vista tista' tidher assoluta bħal ma hija dik ta' l-art. 770, huwa paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza estera illi, meta għall-prestazzjoni tal-legat ikun ġie gravat, mhux *l-eredi*, imma legatarju *iehor*, il-*pussess* għandu jintalab mhux lill-eredi, kif wieħed jista' jiġi ndott jaħseb mill-eżami superfiċjali ta' l-art. 763, imma lill-legatarju gravat. *Jgħid* ir-Ricci (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. III, n. 391): "Alla prestazione del legato può non essere tenuto l'erede, bensì un legatario; a chi in questo caso dovrà domandarsi il possesso della cosa legata? Se la cosa legata sia propria del legatario tenuto a prestarla ad un secondo legatario (bħal ma hu l-każ preżenti — somma ta' flus li l-attriċi *kellha tħallas 'de proprio'*) ...... il possesso non può essere domandato all'erede, siccome quegli che non lo ha e non è d'altronde tenuto a soddisfare il legato; onde la domanda deve per necessità nella ipotesi dirigersi contro il primo legatario". U fin-numru 391 bis: "Trattandosi di cosa dovuta come onere del legata-

rio, la domanda va rivolta contro costui". Similment ġie deċiż mill-Kassazzjoni ta' Torin fit-12 ta' April, 1894, in re "Cristone e Opera Pia Belletti", u mill-Appell ta' Torin, 16 ta' Ġunju, 1884, Opezzo e Ospedale di Racconigi, illi "trattandosi di sublegato, la domanda di rilascio deve essere rivolta al legatario" (ara Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile, art. 862-863, n. 132). Similment il-Kassazzjoni ta' Torin iddeċediet illi "se di più eredi uno solo abbia l'effettivo possesso dell'eredità, la domanda di rilascio è validamente proposta contro di lui solamente" (Fadda, loc. ċit., n. 126);

Illi bejn iż-żewġ artikoli 770 u 763 l-analoġija hija perfetta; u kif f'dan ta' l-aħħar jissemma l-eredi biss, għaliex bħala regola l-legati jiġu ordnati fuq beni tad-decujus, u li għalhekk il-pussess tagħhom legali jgħaddi fl-eredi, li jikkontinwa l-personalità ġuridika tad-decujus, fl-art. 877 tissemma l-eredità biss, għax fil-maġġur parti tal-każi tkun dina l-eredità gravata bil-prestazzjoni tal-legat u debitriċi tal-legat, u għalhekk, skond ir-regoli tal-pagament, l-ispejjeż tal-pagament jitħallsu mill-eredità debitriċi. Iżda, kif fil-każ ta' l-art. 763, meta l-pussess ma jkunx fl-eredi jew fl-eredi kollha, għax debitur tal-legat ikun wieħed mill-eredi jew legatarju, il-pussess għandu jintalab lil dan il-legatarju jew possessur, non ostante li dak l-artikolu jsemmi biss l-eredi, għall-istess raġuni, fl-art. 877, meta debitur tal-legat ma jkunx l-eredi jew l-eredità, imma legatarju ieħor, l-ispejjeż tal-ħlas għandhom jaggravaw fuq il-legatarju debitur;

Illi l-bran tar-Ricci, ċitat fil-paragrafu 4 tan-nota ta' l-attriċi, *evidentement għandu jiġi ntiż fid-dawl tal-premess*, għaliex b'daqshekk tibqa' dejjem isseħħ il-preżunzjoni li t-testatur ried "far pervenire indiminuita al beneficiato la cosa legatagli". Infatti, is-sublegatarju jieħu l-legat nett, għaliex l-ispejjeż tal-pagament jaggravaw il-legatarju; dana ma jissopportax spejjeż ta' pagament tal-legat tiegħu; iżda għall-pagament ta' l-"onore" ma jistax jingħad illi raġonevolment tista' sseħħ dik il-preżunzjoni, għaliex it-testatur imponielu l-"onus", u għalhekk preżumibilment kellha tkun *volontà tiegħu li l-ispejjeż jaggravaw fuqu, u mhux fuq l-eredi*

li t-testatur aggrava biss bil-prestazzjoni tal-legat lill-ewwel legatarju;

Illi għalhekk, anki kunsidrati bħala "onus", il-pagamenti li l-attriċi kellha tagħmel lill-ħutha u lin-neputijiet kellhom isiru mill-attriċi a spejjeż tagħha, u l-fatt illi l-konvenut nomine ħallas minflok l-attriċi u bħala delegat minnha ma jistax ikollu l-effett li jixħet il-kariku ta' l-ispejjeż fuq l-eredità. Infatti, din l-operazzjoni saret unikament fl-interess ta' l-attriċi, biex ma terogax "de proprio" l-ammont kollu minnha dovut. Għalhekk l-ispejjeż relativi għal dawn il-pagamenti għandhom jiġu sopportati mill-attriċi;

Illi mill-kont eżibit fil-fol. 13 jirriżulta illi l-ispejjeż relativi għall-immissjoni fil-pussess jammontaw għal £5.3.4, u dawk relativi għall-pagament għas-somma ta' £4.15.10. Din il-Qorti ssib korretta din ir-ripartizzjoni ta' l-ispejjeż, u tapprovaha;

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi appellat mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talbet li tiġi riformata, billi tiġi interament milqugħa t-talba kontenuta fl-avviż; bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li appella inċidentalment, u talab li tiġi riġettata "in toto" it-talba kontenuta fl-avviż; bl-ispejjeż;

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-appell inċidentali tal-konvenut;

Hu ormaj materja ta' "jus receptum" illi, għalkemm il-proprjetà tal-legat tgħaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; għalhekk teħtieġ it-talba tal-legatarju għall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI, p. 492; XXVIII, pp. 537-543; u Vol. XXIX-I-683);

Hu veru li l-legatarju, fil-konkors ta' ċerti ċirkustanzi, jista' jkollu l-pussess leġittimu tal-legat, avvolja ma kienx hemm domanda formali, kif inhu veru li hu biżżejjed li jkun hemm l-assens ta' l-eredi, li jista' jkun anki taċitu (ara sent. Kollez. Vol. XXV-I-662). Dan, però, ifisser biss li, jekk jiġi kontestat lill-legatarju l-pussess tal-legat, dan hu ammess jipprova li l-pussess tiegħu hu leġittimu, non ostanti li ma jkunx

għamel id-domanda formali għar-rilaxx tal-pussess, basta, jipprova l-kunsens, sija pure taċitu, ta' l-eredi; imma ma jista' qatt ifisser li hi ħaġa prudenti jew konsiljabbli li l-legatarju ma jitlobx formalment dak il-pussess, anki biex jevita l-perikolu li jiġi kontrastat il-pussess leġittimu, u biex jevita d-diffikultajiet li l-esperjenza forensi turi li jista' jsib ruħu fihom il-legatarju li ma jkunx talab formalment il-pussess għar-rigward tal-provi li jkun meħtieġ li hu jagħmel dwar il-pussess. Anki biex jirrivendika, jekk jinqala' l-bżonn, l-oġġett tal-legat minn xi terz detentur, id-dottrina prevalenti hi fis-sens li l-legatarju għandu bżonn li jkun investit bil-pussess qabel ma jeżerċita l-azzjoni (ara Laurent, Princip. Dto. Civ., Vol. XIV, para. 62). Ma hemmx dubju li, meta ma hemmx l-immissjoni formali fil-pussess, jistgħu jinqalgħu litiġji dwar il-pussess, b'riskju ta' proċeduri u spejjeż (ara, per eżempju, kawża riportata Kollez. Vol. VIII, p. 41);

Fil-fatt, l-immissjoni fil-pussess soltu ssir formalment, u ebda konsulent legali ta' legatarju ma hu sejjer jieħu fuq spallejh ir-riskju li jikkonsulta l-klijent diversament. Ċert li ħadd ma hu ġustifikat jgħid li l-legatarju, li jitlob l-immissjoni formali fil-pussess, ikun qiegħed jagħmel ħaġa li ma hix neċessarja, ħaġa superfluwa jew ozjuża, jew mhux konformi għall-liġi. Aktar u aktar dan hu veru meta si tratta ta' immobili, u meta l-immissjoni ssir b'att publiku, anki għar-raġuni li tkun tiddependi minn proċeduri fis-Sekond'Awla li jispiċċaw b'digriet, li l-eżekuzzjoni tiegħu tkun teħtieġ l-att publiku. Tant hi meħtieġa din l-immissjoni, li sa anki meta l-eredi ma jkollhomx il-pussess huma, il-legatarju l-istess jista' jitlobhom li jimmettuh (ara "Vassallo La Rosa utrinque", App. 1 ta' Ġunju, 1936);

Issemma fin-noti tal-konvenut nomine li l-attriċi kellha diġà il-pussess tal-fond legat, u din iċ-ċirkustanza tikkonkorri biex turi li ma kienx hemm bżonn ta' immissjoni formali. Dan, però, ma hux hekk; u a propożitu jgħid il-Baudry-Lacantinerie (Vol. II, p. 259): "Il legatario, che non può essere dispensato dalla domanda di rilascio per volontà del testatore, non può esserne dispensato neppure per il fatto che nel giorno della morte del testatore egli si trovi nel possesso

della cosa legata. A qualunque titolo possieda la cosa legata, a titolo di comproprietario, di mutuatario o di affittuario, il legatario deve in tutti i casi chiederne il rilascio; solo dopo averlo ottenuto il suo possesso è regolare ......";

Il-konvenut nomine osserva wkoll, fid-dibattitu, li hu huwa l-eżekutur testamentarju, mentri huma l-eredi li għandhom jipprestaw il-legat. Din l-osservazzjoni mhijiex eżatta, għax meta hemm eżekutur testamentarju, wieħed mid-doveri tiegħu hu li jagħti pussess tal-legat. Din il-Qorti, fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Superjuri, in re "Carabott utrinque", 18 ta' Ġunju, 1948, hekk qalet: "Veru huwa li l-legatarju għandu jitlob il-pussess tal-legat lill-eredi, imma dik id-dispożizzjoni tirriferixxi għar-rapporti bejn l-eredi u l-legatarju, fis-sens illi, għal raġunijiet wisq evidenti, anki ta' ordni publiku, ma jistax il-legatarju jippossessa ruħu mill-oġġett legat mingħajr il-kunsens ta' l-eredi; anzi huwa dan li għandu jagħtieh dak l-oġġett fil-pussess tiegħu. Imma meta d-decujus innomina eżekutur testamentarju, u biex jeżegwixxi l-volontà tiegħu, allura huwa intuwitiv li waħda mill-inkombenzi ta' l-eżekutur tkun dik li jagħti pussess tal-legat lill-legatarju ......" (ara wkoll, għal eżempji simili, Vol. XXI-1-275 u Vol. IX, p. 61, Kollez.);

L-Imħallef sedenti jaħseb li l-Qrati Tagħna fuq dan il-pont segwew l-insenjament tal-Pothier, li jgħid hekk (Tomo III, Sez. III, p. 592): "Allorchè havvi un esecutore testamentario, contro di esso i legatari intentano ordinariamente la loro azione per il rilascio dei loro legati, perchè, sebbene l'erede gravato del legato dal testatore sia il vero debitore, si può però dire che lo sia anche l'esecutore testamentario; e mettendosi in possesso dei beni dell'eredità, egli accede alla obbligazione degli eredi, e si obbliga tacitamente verso i legatari a pagare, a scarico degli eredi, i legati sino alla concorrenza dei beni dei quali si è posto in possesso";

Għalhekk hi sewwa t-talba ta' l-attriċi, u sewwa wkoll is-sentenza appellata, li ċjoè l-konvenut nomine hu responsabbli għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-prestazzjoni tal-legat favur tagħha ordnat mit-testatur fir-raba' artikolu tat-testment;

Kwantu għall-appell prinċipali ta' l-attriċi;

Ikkunsidrat;

Dan jirrigwarda l-ispejjeż tal-prestazzjoni tal-prelegati ta' £500, £1,000 u £500, ordnati favur Elena Camilleri, Rita Vella, u t-tfal ta' Giuseppe Bajada, rispettivament, fl-artikoli 7, 8 u 9 tat-testment, u imposti bħala oneri tal-legat favur l-attriċi fir-raba' artikolu ta' l-istess testment;

L-Ewwel Qorti rriteniet, u l-konvenut nomine jsostni, li, peress li l-ħlas ta' dawn is-somom kien oneri tal-prelegat imħolli lill-attriċi, għalhekk kienet hi d-debitriċi tal-ħlas ta' dawn is-somom, u kwindi l-ispejjeż tal-prestazzjoni tal-prelegat ta' dawk is-somom għandhom jaggravaw fuq l-attriċi, u mhux fuq l-eredità;

Din il-Qorti tiddissenti minn din il-konklużjoni, għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Kieku l-ħlas ta' dawn is-somom kien sempliċement piż ordnat għak-kariku tal-prelegat ta' l-attriċi, forsi, salvi konsiderazzjonijiet oħra, l-assunt tal-konvenut nomine kien ikollu xi konsistenza. Imma t-testatur ma waqafx hemm, u ma llimitax ruħu li jimponi l-ħlas ta' dawk is-somom fuq l-attriċi fir-raba' artikolu, iżda fl-artikoli l-oħra tat-testment tiegħu fuq ċitati mar iktar 'il quddiem, u eleva l-ħlas ta' dawk is-somom għal "prelegat formali" favur il-pagatarji ta' dawk is-somom. Jekk, kwindi, dawk is-somom huma prelegati anki huma, tapplika immedjatament għalihom ir-regola ta' l-art. 770 Kap. 23 Ediz. Riv., li ma tagħmel ebda distinzjoni; dik ir-regola ma tgħidx li l-ispejjeż tal-prestazzjoni ma għandhomx jaggravaw is-suċċessjoni jekk prelegat wieħed ikun anki oneri fuq prelegat ieħor. Oneri jew mhux oneri, hu prelegat; u jekk hu prelegat, tapplika r-regola li l-ispejjeż tal-prestazzjoni huma għak-kariku ta' l-eredità;

2. Ingħad li dawn il-flus għandhom jitħallsu mill-attriċi, u kwindi l-eredità ma għandhiex x'taqsam ma' l-ispejjeż tal-ħlas tagħhom. Dan l-argument hu fallaċi. Il-verità hija, inveċe, li dawk il-flus qegħdin jitnaqqsu wkoll mis-suċċessjoni, kif qegħdin jitnaqqsu l-prelegati l-oħra. Infatti, x'inhi s-sustanza tad-dispożizzjoni ta' l-art. 4 u tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 7, 8 u 9? It-testatur naqqas mis-suċċessjoni, biex

jagħmel prelegati, il-valur "sħieħ" tal-fondi msemmija fl-art. 4, iżda qassmu b'dan il-mod: lill-attriċi taħa dak il-valur "meno" s-somom li għandha tħallas, u lill-oħrajn taħom dawk is-somom; b'mod li l-valur tal-fondi, "meno" dawk is-somom imħollija lill-attriċi, "più" dawk is-somom imħollijin lill-oħrajn, jammontaw għall-valur kollu li t-testatur naqqas mis-suċċessjoni. L-attriċi qegħedha tħallas dawk is-somom mhux realment minn tagħha, imma mid-"dippjù" tal-valur tal-fondi legati. It-testatur ried joħroġ mill-wirt, u jagħti bħala prelegat, il-fondi msemmija fir-raba' artikolu, iżda ma riedx jagħtihom kollha lill-attriċi; u peress li ma setgħax jaqsam jew jirriduċi l-fondi, ordna lill-attriċi tħallas, mhux minn tagħha, imma verament mill-valur tal-fondi prelegati, is-somom fuq imsemmijin, li kkostitwixxa prelegat favur dawk l-oħrajn;

Issa, dawn il-konsiderazzjonijiet huma importanti, meta wieħed jikkunsidra x'inhu l-fondament ġuridiku tad-dispost ta' l-art. 770 fuq imsemmi, simili għall-art. 877 tal-Kodiċi Taljan u 1016 tal-Kodiċi Franċiż. Il-Pacifici Mazzoni jirriponi dak il-fondament filli l-ispiża tal-prestazzjoni tal-legat hi aċċessorju tal-legat; u kwindi bl-istess mod li t-testatur ried inaqqas mis-suċċessjoni l-ħaġa legata, "si presume" li ried inaqqas mis-suċċessjoni anki l-ispiża tal-prestazzjoni. Issa, f'dan il-każ, it-testatur ried inaqqas mis-suċċessjoni l-valur kollu ta' l-istabili, u peress li ma riedx jagħti l-valur kollu lill-attriċi, lilha taħa l-fond "meno" dawk il-flus, u lill-oħrajn taħom il-flus; kwindi tant il-prelegat ta' l-attriċi, kemm il-prelegati ta' l-oħrajn, "huma mnaqqsin mis-suċċessjoni", u għalhekk "si presume" li t-testatur ried inaqqas ukoll l-ispiża tal-prestazzjoni tagħhom;

Anki jekk wieħed jieħu t-teorija tal-Marcadè (Vol. VI, p. 113), li l-eredità għandha tħallas l-ispejjeż tal-prestazzjoni, għax id-debitur għandu jħallas l-ispejjeż tal-pagament, wieħed jiġi għall-istess konklużjoni. L-eredità hi debitriċi, tant tal-fondi kemm tas-somom, għax l-attriċi qegħedha tħallas in kwantu qegħdha żżomm id-"dippjù" tal-valur li t-testatur (kieku ma għamelx l-oneri fuq il-prelegat tagħha) ma kienx ried jagħtihulha sħieħ; kwindi l-ispejjeż tal-prestazzjo-

ni, tant tal-prelegat wiehed kemm tal-prelegati l-ohra, ghandha thallashom l-eredità "debitriċi";

Il-Pacifici Mazzoni jikkonkjudi b'dan il-mod (Vol. XI, p. 171): "Le spese necessarie per la prestazione del legato sono a carico dell'eredità, qualunque sia la persona gravata della prestazione del legato, sia l'erede unico, uno o più coeredi, o un legatario";

3. It-testatur impona dawk il-pagamenti fuq il-prelegat ta' l-attriċi. Vwoldiri, it-testatur ried inaqqsilha mill-valur tal-fondi "dak" l-ammont — l-ammont ta' dawk is-somom tal-prelegati favur l-ohrajn. Ghalhekk ma hux leċitu li wiehed jixthtilha fuqha anki l-ispejjeż tal-prestazzjoni ta' dawk il-prelegati, ghaliex ikun qieghed jghabbiha bi hlas ta' somom ohra oltre dawk kontemplati mit-testatur;

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell prinċipali, u tiċhad l-appell inċidentali, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tilqa' anki dik il-parti tat-talba li ġiet mill-Ewwel Qorti respinta; u tirriformaha anki fil-kap ta' l-ispejjeż, fis-sens li l-konvenut nomine ghandu ihallas l-ispejjeż kollha relativi ghat-talba intiera fl-ewwel istanza;

L-ispejjeż ta' l-appell prinċipali u dawk ta' l-appell inċidentali jibqghu ghak-kariku tal-konvenut nomine.